**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 16 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 22**

**Avviz Nru: 970/01 JB**

**KPMG**

**vs**

**Ampuls International Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm320.00c (tliet mija u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi professjonali rezi fuq talba ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Avolja interpellata biex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju 2001 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn is-socjeta konvenuta eccepiet, illi l-ammont pretiz minnha m'hijiex dovuta u hija ezorbitanti u ma tirraprezentax il-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-kawza odjema si tratta ta' talba ghal hlas ta' servizzi prestati a beneficcju tas-socjeta' konvenuta. S-socjeta' tikkontesta l-ammont talvolta dovut.

In-sostenn tal-pretensjoni taghha s-socjeta' attrici prezentat statement datat 4 ta' Lulju, 2001 mal-prezentata tal-avviz. Dana gie sannat ukoll bix-xhieda ta' Joseph Camilleri Bownan fis-seduta tad-20 ta' Novembru, 2001, u bit-tlett (3) fatturi minnu esibiti.

Fix-xhieda tieghu, Donald Zadre in rappresentanza tas-socejta' konvenuta jallega meta rceva l-kontijiet beda jfittex awdituri ohrajn. Il-fatt illi s-servizzi reklanati gew lilu prestati, 'omnia labor optat premium'. Ghalhekk allega kont ezorbitanti, ma giet prodotta l-kontro proposta bhala pagament alternattiv u sufficjenti.

Lanqas m'esibixxa kontijiet precedenti bhala paragun. Ghalkemm donnu ried jikkontesta 'a tempo vergine' xorta wahda baqa' juza servizzi taghhom sabiex sab ditta alternattiva. S-servizz hadu ghalkemm skond hu kien gholi. F'dan l-istadju ma jistax ma jhallsux.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm320.00c (tliet mija u ghoxrin lira Maltin) bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**